MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2005

Citazzjoni Numru. 131/2003

Anthony u Miriam konjuġi Busuttil .

vs

Louis Zammit .

Il-Qorti ,

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-atturi, wara li ppremettew :

Illi permezz ta' sentenza tat-tlieta (3) ta' Novembru, tas-sena elfejn u tlieta (2003) it-Tribunal Għat-Talbiet Żgħar, fl-avviż numru 35/2003 fl-ismijiet Louis Zammit –vs- Anthony Busuttil ikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma ta' elf u erbgħa mitt lira Maltija (Lm1400) bl-imgħaxijiet legali mis-26 ta' Marzu 2003 u bl-ispejjeż tal-kawża (Dok. A) ;

Illi din is-sentenza ingħatat mingħajr ma l-attur kellu l-fakolta' jipparteċipa u jressaq il-provi tiegħu u difatti l-kawża ġiet deċiża unikament fuq ix-xhieda tal-konvenut . Dan għaliex wara li l-attur ma rnexxilux jinnotika lill-konvenut fl-indirizz li fih dejjem ikkorrisponda miegħu preċedentement u ċioe' Villa Genciana Triq Fomm il-Għalliem, Madliena, Malta, huwa talab u ottjena ordni sabiex in-notifika issir permezz tal-proċedura tal-pubblikazzjoni fit-termini ta' l-artikolu 187(3) tal_kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta ;
Illi l-proċedura tal-pubblikazzjoni ma kienetx korretta in kwantu fl-ewwel lok ma kienux jikkonkorru l-parametri stabbiliti bil-liġi sabiex in-notifika ssir bil-pubblikazzjoni u fit-tieni lok billi din il-proċedura saret skorrettement u mhux fit-terminu tal-liġi proprju għaliex l-avviż ma kienx fih it-tagħrif kollu kif rikjest bil-liġi u peress illi dan l-avviż ma twaħħalx fil-post kif stabbilit bil-liġi .

Illi l-istess għalhekk it-Tribunal għat-Talbiex Zgħar naqas li jħares li jsir ħaqq skond il-merti sostanti tal-każ miġjub quddiem u dan b'ħarsien tar-regoli tal-ġustizzja naturali .

Talbu lill-konvenut jgħid għaliex m'għandhiex din il-Qorti :

1. tiddikjara li d-deċiżjoni mogħtija fit-tlieta (3) ta' Novembru tas-sena elfejn u tlieta (2003) mit-Tribunal għat-Talbiet Zgħar, fl-Avviż numru 35/2003 fl-ismijiet Louis Zammit vs Anthony Busuttil hija nulla u bla effett stante li l-istess Tribunal naqas li jottempera ruħu mal-proċeduri u prinċipji stabbiliti tal-liġi u naqas li jħares ir-regoli ta' ġustizzja naturali .

2. Tirrevoka konsegwentement l-istess deċiżjoni .

Bl-ispejjeż .

Il-konvenut mħarrek għas-subizzjoni li għaliha minn issa qedjiġi nġunt .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-atturi kkonfermata bil-ġurament ta' Anthony Busuttil .

Rat in-nota ta’ l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha eċċepixxa illi :

1. In linea preliminari hemm in-nuqqas ta' kompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti li tieħu konjizzjoni tat-talbiet attriċi minħabba n-nuqqas ta' ġurisdizzjoni tagħha kif imsemmi fl-artikoli 741(b) u 814 tal-KOPC Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta ;

2. In linea preliminari wkoll u bla preġudizzju għall-ewwel eċċezzjoni hemm ukoll in-nullita taċ-ċitazzjoni billi l-proċedura segwita mill-atturi li permezz tagħha qegħda tiġi attakkata d-deċiżjoni tat-Tribunal Għal Talbiet Zgħar (Għawdex) tat-3 ta' Novembru 2003, la hija kontemplata taħt id-dispożizzjonijiet tal-Kap. 380 u lanqas taħt id-dispożizzjonijiet tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta ;

3. Illi subordinatament u fil-meritu, it-talba għar-ritrattazzjoni hija inammissibbli billi ma jirrikorrux il-kondizzjonijiet preskritti mill-liġi fl-artikolu 812 tal-Kap. 12 għax il-fatti kollha li fuqhom hija bażata t-talba kienu kollha magħrufa minnufih lill-atturi f'din il-kawża minn qabel ma għadda t-terminu tal-appell . Għalhekk ir-rimedju kontra s-sentenza li qed tiġi mpunjata kien dak ta' appell minnha entro t-terminu biex isir tali appell u mhux dak ta' talba għar-ritrattazzjoni ;

4. Illi subordinatament u fil-meritu ma hemmx lok għal ritrattazzjoni għax il-proċedura segwita mit-Tribunal Għal Talbiet Zgħar (Għawdex) kienet korretta u n-notifika saret lill-atturi b'mod regolari u kif titlob il-liġi proċedurali u fil-proċedura segwita ma kien hemm ebda vjolazzjoni tal-principji tal-ġustizzja naturali ;

5. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenut maħlufa minnu.

Rat il-verbal tagħha ta' l-1 ta' Marzu 2005 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza dwar l-eċċezzjonijiet

preliminari tal-konvenut .

Rat in-noti ta’ l-osservazzjonijiet tal-kontendenti dwar dawn l-eċċezzjonijiet.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża .

Ikkunsidrat :
Illi permezz ta’ l-ecċezzjonijiet preliminari tieghu l-konvenut eccepixxa:

1. In-nuqqas ta' ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti ai termini tal-artikoli 741(b) u 814 tal-kap. 12 ;

2. In-nullita' taċ-ċitazzjoni billi l-proċedura tentata mill-atturi la hija kontemplata taħt id-dispożizzjonijiet tal-Kap. 380 u lanqas taħt id-dispożizzjonijiet tal-kap. 12 ; u

Ir-rimedju li kellhom l-atturi kien dak ta' appell u mhux ta' ritrattazzjoni, (għalkemm din l-eċċezzjoni hija mniżżla bħala eċċezzjoni fil-mertu, hija xorta waħda ta' natura preliminari) .

Bil-kawża preżenti l-atturi qegħdin jittentaw iwaqqgħu deċizjoni tat-Tribunal tat-Talbiet iż-żgħar li għaddiet in ġudikat, u dan fuq allegazzjoni ta' nuqqas ta' smiegħ xieraq bħala wieħed mill-prinċipji tal-ġustizzja naturali .

Jirriżulta min-nota ta' l-osservazzjonijiet tal-konvenut illi huwa qed jibbaża ruħu interament fuq sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Inferjuri tas-16 ta' Settembru 2004 mogħtija fil-kawża "Rapa Brothers Co. Ltd. vs Soċjeta' Cranes and Commercials Sales Limited", li wkoll kienet tittratta tentattiv biex tiġi annullata deċizjoni tat-Tribunal tat-Talbiet Iż-żgħar fuq allegazzjonijiet simili għal dawk preżenti . Irid jingħad pero' mill-ewwel illi dik is-sentenza ma tistax tkun ta' ebda konfort għall-konvenut, għaliex, kuntrarjament għal dak illi qegħdin jallegaw l-atturi fil-każ preżenti, jirriżulta illi f'dik il-kawża kien deher wieħed mid-diretturi tas-soċjeta' konvenuta u ammetta illi l-ammont mitlub kien dovut . Allura kien jaf bil-kawża u kellu kull opportunita'

jappella mid-deċiżjoni tat-Tribunal, ħaġa li baqgħet ma saritx u għalhekk il-Qorti ta' l-Appell ikkonfermat is-sentenza ta' l-ewwel Qorti li deċidiet illi l-każ kien *res judicata* .

L-artiklu 741(b) tal-kap. 12 jirreferi għall-kompetenza tal-Qrati. Bl-ewwel parti ta' l-ewwel eċċezzjoni tiegħu il-konvenut donnu qed jgħid illi peress illi l-mertu tal-kawża kontestata kien anqas minn elf u ħames mitt lira (Lm1500), ma kienitx kompetenti l-Qorti ta' ġurisdizzjoni superjuri . Imma l-kwistjoni preżenti tirrigwarda mhux daqstant l-ammont involut fil-każ, imma jekk it-Tribunal tax deċiżjoni ġusta, ħaga ta' valur indeterminat u li diffiċilment jista' jiġi determinat, fejn allura skond l-artikolu 748(b) tal-kap. 12, taqa' taħt il-kompetenza ta' qorti superjuri[1] .

L-artikolu 814 tal-Kap. 12, imsemmi fit-tieni parti ta' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut, jirreferi għar-ritrattazzjoni ta' kawża, li għandha ssir quddiem il-Qorti li tkun tat id-deċiżjoni li tkun qed tiġi attakkata . Imma huwa evidenti illi fil-kawża preżenti mhux qed tintalab ir-ritrattazzjoni, għax m'għandniex it-talbiet li soltu jsiru f'tali kawża, u ċioe' t-talba għar-revoka tas-sentenza attakkata u s-smiegħ mill-ġdid tal-kawża . Lanqas ma setgħu l-atturi jitolbu ritrattazzjoni f'dan il-każ, għax il-liġi li waqqfet it-Tribunal għat-Talbiet Iż-Zgħar (il-Kap. 380) ma provdietx għal din il-possibilita' [2] .

Bit-tieni eċċezzjoni tiegħu l-konvenut isostni illi la l-Kap. 380 u lanqas il-Kap. 12 ma jipprovdu għal xi rimedju bħal dak propost mill-atturi permezz tal-kawża preżenti . Huwa minnu illi l-unika rimedju pprovdut bil-Kap. 380 huwa dritt ta' appell limitat fil-każijiet speċifikati fil-liġi, imma jista' jingħad b'daqshekk illi konvenut f'kawża quddiem Tribunal bħal dan, li ma jistax jiġi konsidrat bħala Qorti,[3] u li ma jkunx appella minn deċiżjoni tiegħu, għax ma kienx jaf bil-kawża u wisq anqas bis-sentenza kontra tiegħu, ma

---

1 Ara sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Inferjuri ta' Ghawdex : Vicky Coleiro noe. v Michael Grech : 10.4.03 .
2 ara f'dan ir-rigward sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Inferjuri (Malta) fil-kawza fl-ismijiet : Dennis Mifsud vs Alfred Degiorgio : 11.2.2004 .
3 Citadel Insurance plc vs Kenneth Brincat .

jibqagħlu ebda rimedju legali ? It-tweġiba tagħtihielna l-Qorti ta' l-Appell fl-istess sentenza tagħha hawn fuq ċitata, fis-sens illi :

"*Jibqa' l-fatt illi anke jekk il-liġi speċjali ma tipprovdix għar-ritrattazzjoni, dan ma jfissirx illi l-apellanti ma għandux rimedju konsimili għal dak ottenut fil-każ ta' deċiżjoni mit-Tribunal Industrijali . Dan għaliex hu ben rikonoxxut illi l-Qrati ordinarji jibqgħalhom il-ġurisdizzjoni li jissindikaw l-operat ta' dak it-Tribunal f'każ fejn dan ikun mar ultra vires jew
kontra r-regoli ta' ġustizzja naturali jew fejn is-sentenza tkun kontra xi liġi miktuba*." [4]

Dan ir-rimedju jipprovdih l-artiklu 469A tal-kap. 12, introdott fil-liġi proċedurali tagħna bl-emendi tal-1995,[5] li nkorporaw il-ġurisprudenza lokali in materja dwar l-istħarriġ ġudizzjarju ta' azzjoni amministrattiva, żviluppata matul is-snin[6] .

Huwa evidenti illi l-atturi preżenti, għalkemm dan ma jispeċifikawhx fiċ-ċitazzjoni tagħhom, ibbażaw il-kawża odjerna fuq dan il-provvediment tal-liġi . L-unika ostakolu għal tali azzjoni taħt is-subinċiż (4) ta' l-istess artikolu huwa "**meta l-mod ta' kontestazzjoni jew ta' ksib ta' rimedju dwar xi att amministrattiv partikolari quddiem qorti jew tribunal jiġi provdut dwaru f'xi liġi oħra**" . Billi ġia ntaql illi l-unika rimedju illi l-atturi kellhom taħt il-Kap. 380 kien dak ta' appell mid-deċiżjoni tat-Tribunal, u dan allegatament ma setgħux jagħmluh għax ma ġewx notifikati kif suppost bil-kawża (ħaġa li għad trid tiġi stabilita fi stadju ulterjuri tal-kawża), ma kien baqagħlhom ebda triq oħra għajr illi jirrikorru għall-qrati ordinaji, kif fil-fatt għamlu bil-kawża preżenti, f'tentattiv li jiksbu r-rimedju mixtieq .

---

[4] ibid.
[5] Att XXIV. 1995. 201 .
[6] ara wkoll f'dan is-sens:Prim'Awla : Kumissarju tal-Pulizija vs Walter Tanti : 23.5.01 (li kienet tittratta talba għar-revoka ta' deċiżjoni tat-Tribunal għall-Investigazzjoni ta' l-Ingustizzji) ;

It-tielet eċċezzjoni ġia ġiet ittrattata estensivament u ma hemm għalfejn jingħad xejn lżjed ħlief li jiġi ribadit illi din mhix kawża għar-ritrattazjzoni u jekk kienx il-każ illi l-atturi naqsu milli jappellaw mid-deċiżjoni tat-Tribunal minkejja li kienu jafu bil-kawża u s-sentenza kif qed jallega l-konvenut, għad irid jiġi stabilit mill-provi .

Għal dawn il-motivi, filwaqt illi tirrespinġi l-eċċezzjonijiet kollha preliminari tal-konvenut, tiddikjara illi din il-Qorti hija kompetenti u għandha ġurisdizzjoni tieħu konjizzjoni tat-talbiet attriċi, u għalhekk tħalli l-kawża għall-kontinwazzjoni fuq il-mertu .

L-ispejjeż ta' din is-sentenza preliminari għandhom jiġu ssoportati mill-konvenut .

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------